# Ersaqt lejn il-Baħar

Charles Bezzina

Ersaqt lejn il-baħar biex tiġbor
kuluri tal-mewġ imħawdin
u tlaħlaħ dak l-ifjen fost kollha
ħa ġġorru, qajl tgħożżu mas-snin.

Ma bżajtx illi l-baħar se jġorrok
mal-ħalel ġejjin imgħaddbin,
bqajt tagħżel fil-mewġ il-kuluri
f'kurrenti bla lġiem, imqanqlin.

Ma bżajtx tul il-lejla mistura
mill-waħx illi jkexkex is-skiet,
bqajt f'dija qamrija b'qalb tgħaġġel
qajl tfittex ġo qiegħ l-ilmijiet.

Tlaqt waħdek, ħarbixt il-memorja,
mort ħesrem bla għidtli għalfejn,
insejt kull imgħoddi bejnietna
u kollox għalik safa xejn.

Baqagħlek biss waħma waħdiena
jien naf, għax ftit ilu ħlomt bik,
fost l-isbaħ kuluri tal-baħar
hemm wieħed li jixraq għalik.